XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 420*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 48*
*It-Tnejn 20 ta' Diċembru, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.10pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 419 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Laqgħa Pubblika**

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

**2. Budget 2011 u Business Plan 2011-2013**

Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-Membri kollha tal-Kunsill u ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-Budget għas-sena 2010 u l-Business Plan għas-snin 2011/2013 li ġew approvati unanimament.

**3. Mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 419**

**Paragrafu 6 xii, Mill-Korrispondenza:-** Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li huwa għamel kuntatti biex issir attivita (coffee morning) u jsir ġbir b'risq il-Malta Community Chest Fund iżda l-Kumitat taċ-Ċentru Parrokkjali kien diġa bbukkja s-sala għax-xahar kollu ta' Diċembru u għalhekk ma setgħetx issir attivita oħra.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li peress li din l-attivita msemmija ma kienitx ser issir, hija ħadet l-inizjattiva biex issir Mixja b'Risq il-Malta Community Chest Fund. Il-membri kollha tal-Kunsill kienu nfurmati u anke qablu li għandha ssir din l-attivita. L-attivita saret nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru fl-10.00am. Il-mixja bdiet minn Triq Kav L. Z. Haber u ntemmet fi Pjazza San Ġwann Battista wara li l-parteċipanti imxew minn diversi toroq tax-Xewkija. Il-

parteċipanti taw donazzjonijiet li lkoll flimkien ammontaw għal €485. Is-Sindku se tippreżenta din id-donazzjoni waqt l-attivita Nazzjonali tal-Istrina li ssir nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru.

**4. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-35**

**5. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**Mill-Korrispondenza**

i. Cynthia Misokova mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill Lokali li l-applikazzjoni tiegħu mill-iskema dwar Attivitajiet kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill kellu żewġ applikazzjonijiet, waħda għall-attivita tal-karnival u l-oħra għall-attivita Fiori D'Argenta. L-applikazzjoni dwar l-attivita Fiori D'Argenta ġiet aċċettata filwaqt li dik dwar tal-Karnival ma ġietx aċettata. Ser issir konferenza mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said fejn mistenni li tingħata aktar informazzjoni dwar din l-iskema u kemm se jingħata fondi l-Kunsill tagħna biex jorganizza din l-attivita.

ii. Il-Perit Walter Portelli nforma lill-Kunsill li hu m'għadux involut fil-proġett ta' Triq Mġarr. Huwa qal li l-Kunsill jista' jikkuntattja lil Perit John Demicoli u lis-Sur Charles D'Alfonso. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjawhom biex naraw id-devjazzjoni tat-traffiku kif ser issir u b'hekk ikunu tal-anqas inkonvenjent possibbli għar-residenti tax-Xewkija.

iii. Is-Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Regjonali ta' Mgarr ix-Xini nforma lill-Kunsill dwar stima biex isir xogħol b'konnessjoni mar-rapport tal-iskav ta' Għar ix-Xiħ. L-istima hija ta' €250 fil-ġimgħa. Il-Kunsill kien diġa qabel li għandna naplikaw għall-iskemi speċjali (meta joħorġu s-sejħiet) biex dan il-proġett ikun jista' jitkompla. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk din is-sena ma joħorġux skemi speċjali dwar dan il-proġett, il-Kunsill għandu jaċċetta din l-istima. Dan anke fid-dawl li issa l-iskav ta' Għar ix-Xiħ tlesta u għalhekk għas-sena 2011 mhux ser ikolna l-ispejjeż li jinvolvi l-iskav.

iv. Il-Kunsill iddiskuta l-email ta' Ian Bajada Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali dwar attivita sportiva b'risq l-Arka Foundation fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-istess fondazzjoni. Il-Kunsill qabel li norganizzaw logħob fil-baħar fis-27/28 ta' Awwissu 2011.

v. Gatt Tarmak Ltd informa lill-Kunsill li mhux possibbli li jaċċetta li l-kwotazzjoni tiegħu dwar patching ta' trinek tal-WSC tinżel minn €147 għal €50. Il-Kunsill qabel li għalissa t-trinek li qed isiru mill-WSC jibqgħu bil-patching li jagħmlu l-WSC stess. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandna ssemmi dan is-suġġett waqt laqgħat tal-AKL u anke tal-Kumitat Reġjonali peress li din hija problema tal-Kunsilli Lokali kollha.

vi. Anton Mercieca, mill-Museum tan-Nadur ippubblika ktieb fl-isem Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer. Huwa qed joffri dan il-ktieb għal prezz speċjali ta' €6 flokk €8 jekk jiġu ordnati ħames kotba. Il-Kunsill qabel li nordnaw ħames kotba.

vii. Joe Camilleri nforma lill-Kunsill li għadu kif ippubblika ktieb bl-isem Żwiemel tar-Riħ. Il-ktieb jiswa €8. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw 5 kotba.

viii. Lourens Diedericks li joqgħod fi Triq Ta' Ġokk ippropona biex isiru road humps fl-istess triq. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Dan fid-dawl li kull fejn saru r-road humps, il-Kunsill kien qed jirċievi ħafna lmenti dwar problemi li joħolqu l-istess humps fosthom problemi tal-ilma tax-xita u problemi ta' ħafna ħsejjes meta jgħaddu vetturi kbar minn fuqhom. Għalhekk l-istess road humps kellhom jerġgħu jinqalgħu.

ix. Ian Bajada, Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali nforma lill-Kunsilli Lokali dwar l-inizjattiva Gillette. Il-Kunsilli Lokali ser ikunu qed iqassmu b'xejn xfafar tal-Gillette, lir-residenti tagħhom.

x. Il-Kunsill irċieva korrispondenza u ċertifikat mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-impenn tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija lejn tnaqqis ta' iżjed minn 20% f'emissjonijiet ta' $CO_2$ wara li s-sena l-oħra s-Sindku kienet iffirmat ukoll il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill irid jorganizza Energy Day bejn il-11 u l-15 ta' April biex tkun parti mill-kampanja għall-enerġija aktar nadifa EUSEW – European Sustainable Energy Week 2011.

xi. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-Laqgħa għas-Sindki li jmiss ser issir Għawdex bejn il-Ġimgħa 21 u s-Sibt 22 ta' Jannar 2011.

xii. Il-Kunsill irċieva risposta minn għand Banda Prekursur għall-ittra tiegħu dwar il-programm ta' Jum ix-Xewkija. L-ittra ġiet diskussa. Il-Kunsill qabel li għandna nwieġbu lill-Banda Prekursur fejn inħeġġuhom jipparteċipaw aktar fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill bħal per eżempju l-attivita li saret il-Ħadd 19 ta' Diċembru, il-Mixja b'risq il-Malta Community Chest Fund.

## 6. Offerta dwar is-servizz għall-ġbir ta' skart

Il-Kunsill reġa' iddiskuta din l-offerta peress li kien hemm żviluppi ġodda wara li l-KIP Għawdex Ltd kienu talbu li jiltaqgħu mal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija, Ta' Sannat, Munxar u Xagħra li lkoll flimkien ħarġu s-sejħa għall-istess offerta. Il-laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar u preżenti kienu s-Sindki tal-Munxar, Xewkija u Xagħra u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Munxar, Xewkija u Ta' Sannat. Minn naħa tal-KIP Għawdex Ltd kienu preżenti (aktar tard fl-istess laqgħa) Laurie Zammit u Marcel Bonnici. Matul dik il-laqgħa ġie deċiż li l-KIP Għawdex Ltd għandha tbaxxi r-rati tagħha aktar minn kif propost fil-laqgħat ta' qabel. Il-proposta issa kienet li minn €577.14 (rata mitfugħuha fl-offerta) r-rata tinżel għal €438 fl-ewwel sena, minn €602.85 (rata mitfugħuha fl-offerta) r-rata tinżel għal €459.90 it-tieni sena, minn €629.52 (rata mitfugħuha fl-offerta) r-rata tinżel għal €482.87 it-tielet sena u minn €658.09 (rata mitfugħuha fl-offerta) r-rata tinżel għal €507.02 ir-raba' sena. Dawn ir-rati ma jinkludux il-5% Contract Manager u hija rata globali għall-erba' Kunsilli flimkien għal kull ġurnata ta' ġbir ta' skart. Ir-rati tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija jkunu hekk €123 l-ewwel sena, €129.15 it-tieni sena, €135.60 it-tielet sena u €142.38 ir-raba' sena. Fil-preżent il-Kunsill qed iħallas €107.59.

Il-Kunsilla iddiskuta dwar dan il-kuntratt u qabel li għalkemm kien hemm titjieb fuq l-aħħar proposta fejn għall-ewwel sena r-rata kienet €538 u għalhekk issa hija ta' €438 xorta jista'

jkun hemm aktar tnaqqis f'din ir-rata. Il-Kunsill se jagħmel dawn iż-żewġ proposti lill-KIP Għawdex Ltd dwar ir-rata li tikkonċerna lill-Kunsill tagħna:-

i. Il-Kunsill jaċċetta r-rati msemmija hawn fuq li minn €123 fl-ewwel sena jitilgħu għal €142.38 fir-raba' sena iżda l-kuntrattur jintrabat li jagħti skont/sponsor ta' 3% tas-somma globali li titħallas kull sena

ii. Ir-rata tkun ta' €123 fl-ewwel sentejn u ta' €129.15 għat-tielet u r-raba' sena

Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-KIP Għawdex Ltd dwar dawn il-proposti.

**7. Materja oħra**

i. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill, l-istaff u l-ħaddiema.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.50pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar, 2011 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA

**Skeda ta' Pagamenti**

Data: 20.12.2010 Nru: 6-35

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Dekorazzjoni Pjazza San G.Battista | Anthony Buhagiar | 649.00 | 8374 |
| 2 | Sezzjonijiet tal-Pilates | Antonella Zammit | 210.00 | 8375 |
| 3 | Materjal / Tiżjin Milied 2010 | Hilite | 590.20 | 8376 |
| 4 | Materjal / Tiżjin Milied 2010 | Reno's Ironmongery | 703.23 | 8377 |
| 5 | Servizz Community Chest Fund Walk | Guard & Warden Service Ltd. | 35.40 | 8378 |
| 6 | Sezzjonijiet Aerobics/Gen.Fitness | Radu Gheorge | 630.00 | 8379 |
| 7 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 48.33 | 8380 |
| 8 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 55.01 | 8381 |
| 9 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 55.75 | 8382 |
| 10 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 50.75 | 8383 |
| 11 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 12.50 | 8384 |
| 12 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 75.00 | 8385 |
| 13 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 20.00 | 8386 |
| 14 | Tournament re-Jum ix-Xewkija | Xewkija Tigers Youth Nur. | 100.00 | 8387 |
| 15 | Kiri ta' Tower Ladder – Milied eċċ. | Carmel Portelli | 494.84 | 8388 |
| 16 | Tindif Diċembru 2010 | Publia Xerri | 50.00 | 8389 |
| 17 | Tindif Diċembru 2010 | Pauline Xerri | 50.00 | 8390 |
| 18 | Sinjali tat-Traffiku | Raphael Refalo | 70.80 | 8391 |
| 19 | Servizz Public Conv. Novembru 2010 | Acc.Public Clean.Sec.Gozo | 273.42 | 8392 |
| 20 | Tizjin tal-Milied Pjazza S.Gwann B. | Donald Camilleri | 605.00 | 8393 |
| 21 | Kiri tas-Sala – sports sessions | Gozo College Xewkija Prim. | 200.00 | 8394 |
| 22 | Salarju u Perfomance Bonus Diċ' 10 | Segretarju Eżekuttiv | 2992.48 | 8395 |
| 23 | Salarju u Perfomance Bonus Diċ' 10 | Assistant Principal | 2021.66 | 8396 |
| 24 | Mayors Allowances Diċ' 10/Arretrati | Sindku | 3610.16 | 8397 |
| 25 | Councillors Allowances | Kunsillier | 300.00 | 8398 |
| 26 | Councillors Allowances | Kunsillier | 480.00 | 8399 |
| 27 | Councillors Allowances | Kunsillier | 420.00 | 8400 |
| 28 | Councillors Allowances | Kunsillier | 480.00 | 8401 |
| 29 | Taxxa u Bolla Diċembru 2010 | C.I.R. | 2722.33 | 8402 |
| 30 | Kotba re-Jum ix-Xewkija | Gozo College Xewkija Prim. | 4.65 | 8403 |
| 31 | Petty Cash Diċembru 2010 | Cash | 96.59 | 8404 |
| | | **Total €** | **18107.10** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 420